**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Ottubru, 2021**

Numru

**Rikors Guramentat Nru. 917/2016**

**Alliance Yachting Company Limited**

**vs**

**Matthew Gusman**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-13 ta' Ottubru, 2016 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti hija private exempt company stabbilita taht il-ligijiet ta' Malta u rregistrata mar-Registratur tal-Kumpaniji bin-numru ta' registrazzjoni C-57224 (kopja tal-estratti nformali mehuda mis-sit elettroniku tar-Registru tal-Kumpaniji hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A);

2. Illi tramite ftehim ta' mpieg li gie patwit bejn il-partijiet fis-26 ta' Lulju tas-sena 2013 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B) is-socjeta rikorrenti ngaggat lil Matthew Gusman (ID Nru. 460180M u residenti gewwa 52, Triq il-Hemel, Swieqi, SWQ 3054) sabiex fil-kariga ta' Managing Broker jipprovdi servizzi ta' senserija f'dak li senjatament ghandu x'jaqsam ma' bejgh ta' yacht charters, u dan fost servizzi ulterjuri ta' natura simili;

3. Illi ghaldaqstant, bi tpattija ghall-ipprestar ta' dawn is-servizzi l-imsemmi ftehim kien jesigi li s-sur Gusman bhala impjegat tal-kumpanija rikorrenti jithallas salarju mensili ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) mis-socjeta rikorrenti, oltre ghal commission konsistenti f'somma varjabbli li l-hlas taghha kien dipendenti fuq il-prestazzjoni tal-intimat f'xoghlu;

4. Illi aktar kmieni din is-sena, l-intimat gie notifikat mis-socjeta rikorrenti li din kienet ser tittermina l-impjieg tieghu minhabba cirkostanzi ta' Redundancy. Ghandu jinghad illi x-xoghol tal-istess socjeta kien naqas u l-operat taghha seta' semmai jitkompla mit-tlett diretturi taghha minghajr il-bzonn li jinzamm l-intimat bhala mpjegat;

5. Illi sussegwentament ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu irrizulta pero li l-intimat agixxa b'mod abbuziv meta bi ksur tal-kuntratt ta' mpjieg tieghu, u tant iehor bi vjolazzjoni tal-obbligi fiducjarji mposti fuqu skond il-ligi, dan uza kuntatti u taghrif kummercjali appartenenti lis-socjeta rikorrenti ghall-beneficcju personali u indebitu tieghu;

6. Illi di piu, ad insaputa tas-socjeta rikorrenti, il-komportament illecitu hawn fuq imsemmi, u l-arrikkiment ingust konsegwenzjali da parti tal-intimat, sar mhux biss fil-gimghat wara li ghadu kif gie terminat l-impjieg tieghu, izda sahansitra matul iz-zmien li fih huwa kien ghadu jokkupa l-kariga ta' Managing Broker mas-socjeta rikorrenti;

7. Illi dawn l-okkorrenzi gew zvelati minn indagini li ghamlet is-socjeta rikorrenti wara li qam suspett konsiderevoli fil-konfront tal-intimat. B'dan sar maghruf illi kif appena ttermina l-impjieg tas-Sur Gusman huwa misapproprja proprjeta tas-socjeta Alliance Yachting u permezz taghha avvicina lir-rapprezentanti ta' Fraser Worldwide S.A.M. - li sa dak iz-zmien kienet affiljata tas-socjeta rikorrenti skond kuntratt datat 6 ta Awwissu, 2012 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C) – bil-ghan illi jikkonvinci lill-istess Fraser Worldwide tidhol f'negozjati mieghu sabiex huwa jipprovdilha servizzi li huma ekwivalenti ghal-dawk li kienet u ghada tipprovdi s-socjeta rikorrenti stess;

8. Ili jidher li dawn l-avvanzi hallew il-frott hekk kif konsegwentament l-intimat stabilixxa negozju taht l-isem ta' Gusman Yachting li permezz tieghu gie ingaggat mill-imsemmija Fraser Worldwide u dan kif se jigi pruvat fil-mori tal-proceduri;

9. Illi in aggiunta, wara li ittermina l-impjieg tieghu mas-socjeta rikorrenti, l-intimat sahansitra ghamel uzu mid-dettalji ta' Alliance Yachting minghajr ebda awtorizzazzjoni u accessa s-sit elettroniku tal-Awtorita ghat-Trasport mgharuf bhala 'Portnet' sabiex ghamel tlett notifiki rispettivi lill-Awtorita koncernata bejn it-30 ta' Gunju, 2016 u l-14 ta' Lulju tal-istess sena (kopji tal-ircevuti rispettivi hawn annessi u mmarkati Dok. D sa Dok. F);

10. Illi fid-dawl ta' dak premess, is-socjeta irrekat pregudizzju ngust li huwa msejjes fuq zewg binarji stante li, fl-ewwel lok il-fatt li l-intimat avvicina klijenti tas-socjeta rikorrenti sabiex iforni l-istess servizzi li kienet u ghada tippresta hi stess sar bi ksur tal-obbligi fiducjarji tieghu kif imposti fuqu mill-ligi skond l-artikolu 1124A tal-Kapitolu 12, u li ghalhekk fit-tieni lok huwa evidenti li s-sur Gusman ivvjola sahansitra l-artikolu 6 tal-kuntratt ta' mpjieg meta b'mod frawdolenti ghall-ahhar inqeda b'informazzjoni sensittiva li tirrigwarda l-attivitajiet kummercjali ta' Alliance Yachting Company Limited sabiex ikun jista jigwadanja minnha indebitament;

11. Illi l-hawn fuq imsemmi artikolu 6 tal-ftehim bejn il-partijiet jghid issegwenti:
The Employee shall not during the continuance of this agreement or for a period of two years after the termination of his employment hereunder for whatsoever reason, either on his own account orfor any other person, firm or company solicit or interfere

with or endeavour to entice away from the Company any person, firm or Company who at any time during the period of two years immediately preceding the date of the termination of his employment were customers of or in the habit of dealing with the Company. The Employee shall not for a period of one year after the termination of his employment hereunder for any reason whatsoever be involved in or employed with any Company involved directly in any business which is in competition with any business of the Company. Should the employee be in breach of this clause, he shall be liable to a penalty equivalent to one year's salary.

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, tramite I-agir tieghu I-intimat ikkaguna wkoll danni lis-socjeta rikorrenti, liema danni jaqghu fil-parametri tar-responsabbilta aquiliana skont id-dettami tal-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Illi l-intimat gie interpellat permezz ta' ittra mibghuta mis-socjeta rikorrenti fl-20 ta' Settembru, 2016 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata bhala Dok. G) sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni izda madanakollu dan baqa’ inadempjenti;

14. Illi dan ir-rikors qieghed jitressaq ai termini tal-artikolu 834 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sussegwentament ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1374/16 fl-20 ta' Lulju, 2016 intavolat mis-socjeta rikorrenti fil-konfront tal-intimat (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. H);

15. Illi din il-kawza qed issir minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni ohra li skont il-ligi li tista’ tispetta lis-socjeta rikorrenti fil-konfront tal-intimat;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-socjeta rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra li din il-Qorti jidrilha hija necessarja u opportuna;

I. Tiddikjara li bl-agir illecitu tieghu kif fuq deskritt, l-intimat agixxa bi ksur tal-obbligi fiducjarji tieghu kif jemanaw mill-ligi, kif ukoll bi vjolazzjoni tal-obbligi kuntrattwali imposti fuqu tramite l-ftehim datat 13 ta' Lulju, 2013 meta uza informazzjoni kummercjali sensittiva ghall-arrikiment indebitu tieghu a dannu tas-socjeta rikorrenti ai termini tal-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

II. Tiddikjara illi bl-agir imsemmi r-rikorrenti arrikixxa ruhu indebitament bi hsara ghad-drittijiet tas-socjeta rikorrenti u li huwa ghandu ghalhekk ihallas kumpens lir-rikorrenti;

III. Tillikwida kwantum rapprezentanti l-kumpens hekk dovut, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

IV. Tikkundanna lill-intimat sabiex jaddivjeni ghall-hlas tas-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti lis-socjeta rikorrenti;

V. Taghti kull provvediment u/jew rimedju iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relatati ma' din il-kawza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1374/16, u bl-imghax b'effett mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors promotur, kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament is-socjeta rikorrenti trid tipprova l-ezistenza ta' xi obbligu fiducjarju kontemplat fl-Artikolu 1124A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta kif allegat;

2. Illi l-Artikolu 6 tal-Kuntratt ta' Impjieg datat 26 tas Lulju 2013 jikser l-Artikolu 985 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandu jigi ritenut null u bla effett;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull kundizzjoni illi tirrestringi l-attivitajiet lavorattivi ta' ex impjegat illi mhuwiex ragonevoli fis-sens ampju u li l-iskop tieghu mhuwiex limitat fi spazju u fi zmien, dejjem gew ritenuti invalidi u bla effett. Illi ghalhekk ir-restrizzjoni imposta fuq l-esponenti in forza tal-Artikolu 6 tal-Kuntratt ta' Impjieg de quo ghandu jitqies null u bla effett;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti qatt ma agixxa bi ksur ta' ebda obbligu fiducjarju u/jew obbligu kuntrattwali illi seta' kien impost fuqu;

5. Illi l-esponenti dejjem agixxa korrettament u in buona fede fil-qadi ta' dmirijiet kemm fl-impjieg mas-socjeta rikorrenti u anke wara;

6. Illi dwar il-fatti kif esposti mis-socjeta rikorrenti fir-Rikors Guramentat taghha jinghad is-segwenti:
(i) Illi filwaqt li huwa minnu illi l-esponenti kien gie issensjat mis-socjeta rikorrenti, ir-raguni moghtija ghall-imsemmija sensja ma kienx in-nuqqas tax xoghol kif allegat;

(ii) Illi permezz ta' e-mail datata 6 ta' Mejju 2016 (Dok. MG1), is-Sur Kenneth Camilleri illi sa dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Managing Director kif ukoll ta' Company Secretary tas-socjeta attrici kien informa lill-esponenti li l-pozizzjoni tieghu fi hdan is-socjeta rikorrenti ma kinitx iktar rikjesta minhabba "insufficient funds";

(iii) Illi fl-istess gurnata u cioe 6 ta' Mejju 2016, id-Direttur tas-socjeta attrici John sive Gino Cutajar baghat ittra lill-esponenti (Dok. MG2) sabiex jiccara l-posizzjoni u jinfurmah illi s-socjeta rikorrenti "has been put into liquidation" minhabba disgwit bejn id-diretturi/azzjonisti tas-socjeta rikorrenti;

(iv) Illi effettivament, l-ahhar gurnata tal-impjieg tal-esponenti kienet il-15 ta' Gunju 2016 u r-raguni indikata mis-socjeta rikorrenti ghat-tmiem tal-impjieg tal-esponenti fil-formola relattiva tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u t-Tahrig (illum Jobsplus) (Dok. MG3) kienet "Redundancy: Business Closed Down";

(v) Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza matul il-perjodu kollu tan-notice tieghu, u anke fiz-zmien ta' wara, l-esponenti dejjem inghata x'jifhem illi s-socjeta rikorrenti kienet ser tigi stralcjata tant illi kienet iddecidiet illi l-ahhar gurnata tal-attivita kummercjali taghha kellha tkun il-15 ta' Gunju 2016, ossija l-ahhar gurnata

tal-impjieg tal-esponenti. Inoltre, kien sahansitra gie appuntat stralcjatarju biex imexxi il-process tal-istralc u l-istess esponenti kien inghata struzzjonijiet sabiex qabel ma jitlaq mill-impjieg tieghu huwa jaghmel dak kollu mehtieg sabiex jaghlaq il-pendenzi kollha tas-socjeta rikorrenti biex ikunu jistghu jinghalqu il-kotba tal-kumpanija;

(vi) Illi l-esponenti jinsab sorpriz ghall-ahhar b'dak indikat mis-socjeta rikorrenti fir-Rikors Guramentat taghha ossija illi kien hemm xi hsieb illi l-kumpanija tkompli topera mid-diretturi taghha. Jekk dan kien il-kaz allura huwa car illi l-esponenti gie imqarraq mis-socjeta rikorenti ghar-ragunijiet vera tat-terminazzjoni mill-impjieg tieghu;

(vii) Illi ghalhekk l-esponenti spicca minghajr impjieg u dana minghajr ebda nuqqas da parti tieghu u/jew l-ebda raguni imputabbli lilu;

(viii) Illi rinfaccjat b'sitwazzjoni ta' sensja, I-esponenti, sabiex ikun jista' jikkompensa ghat-telf ta' xoghol rekat mis-socjeta attrici, iddecideda illi jiftah negozju ghar-rasu wkoll fis-settur marittimu bl-isem "Gusman Yachting", u dan billi I-esponenti huwa imharreg specifikament fuq dan ix-xoghol marittimu;

(ix) Illi I-esponenti jichad illi huwa qatt avvicina lis-socjeta Fraser Worldwide S.A.M. sabiex jipprovdilha servizzi ekwivalenti ghal dawk provduti mis-socjeta rikorrenti;

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati sija fil-fatt u sija fid-dritt;

8. Illi sussidjarjament u minghjar pregudizzju ghal dak kollu premess, I-esponent ma irreka I-ebda dannu lis-socjeta rikorrenti u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta esponenti ma sofriet ebda dannu;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija sentenza wara kawza mibdija mis-socjeta attrici permezz ta’ liema qed titlob illi li l-konvenut jigi ordnat ihallas id-danni allegatament ikkawzati lilha kagun ta’ ksur ta’ obbligi fiducjarji u obbligi kuntrattwali minn naha tieghu, u wkoll danni akwiljani. Is-socjeta attrici ghandha negozju fis-settur marittimu fejn toffri servizzi ta’ *brokerage* u *agency* fir-rigward ta’ *yachts.* Il-konvenut kien gie impjegat mas-socjeta attrici bhala General Manager ghaliex precedentement kien ghamel numru ta’ snin jahdem f’dan is-settur u ghalhekk kien gie avvicinat minn wiehed mid-direttur tas-socjeta attrici, u cioe Gino Cutajar, li offrielu l-impjieg imsemmi. Mill-provi jirrizulta illi l-konvenut kien

jiehu hsieb in-negozju kollu tas-socjeta attrici, u d-diretturi ftit li xejn kienu jinvolvu ruhhom fix-xoghol tal-stess socjeta. Is-socjeta attrici kienet l-agent lokali ta' Fraser Worldwide, kumpanija estera li skont is-socjeta attrici kienet kuntatt krucjali ghan-negozju taghha. Fl-2016 il-konvenut kien gie mgharraf illi l-impjieg tieghu kien ser jigi tterminat peress illi s-socjeta attrici ma kinitx tehtieg aktar is-servizzi tieghu ghaliex ma kellhiex bizzejjed xoghol u fondi sabiex timpjegah. Pero il-konvenut kien gie sussegwentement informat minn wiehed mid-diretturi illi r-raguni ghaliex l-impjieg tieghu kien qieghed jigi terminat kienet illi kien hemm dizgwid bejn id-diretturi u ghalhekk kien gie deciz illi s-socjeta attrici tigi likwidata. Mill-provi jirrizulta filfatt illi kienu inzammu xi laqghat fuq il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-kumpanija u t-twaqqif tal-operat taghha u kien anke gie ingaggat likwidatur indipendenti ghal dan il-ghan. L-ahhar gurnata ta' impjieg tal-attur kienet il-15 ta' Gunju 2016, u r-raguni ufficjali moghtija lil Jobs Plus ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet *redundancy* ghaliex "*business closed down*." Jirrizulta pero illi fil-verita is-socjeta attrici qatt ma giet xolta u l-operat taghha qatt ma twaqqaf formalment, ghalkemm skont ix-xhieda tad-diretturi tas-socjeta attrici l-istess socjeta ma kellhiex aktar xoghol wara dak iz-zmien u li Fraser Worldwide kienet itterminat il-ftehim ta' agenzija li kellha mas-socjeta attrici. Mill-provi jirrizulta u m'huwiex kontestat illi ftit wara li gie tterminat l-impjieg tal-konvenut huwa fetah negozju ghal rasu fl-istess settur taht l-isem ta' Gusman Yachting.

Is-socjeta attrici tallega illi l-konvenut kien qieghed idawwar ghall-profitt tieghu qliegh ghal xoghol li huwa ghamel waqt li kien impjegat mas-socjeta attrici u ghal klijenti taghha u li allura kellu jkun qliegh tas-socjeta attrici. Tallega wkoll illi l-konvenut kien avvicina klijenti taghha u kien issolecitahom sabiex juzaw is-servizzi tieghu u mhux tas-socjeta attrici u li huwa ghal din ir-raguni li n-negozju tas-socjeta attrici mar daqshekk lura, u li oltre dan huwa impjega ruhu ma' Fraser Worldwide. Skont is-socjeta attrici dan kollu huwa bi ksur tal-obbligi fiducjarji tal-konvenut ai termini tal-artikolu 1124A tal-Kodici Civili u wkoll bi ksur tal-obbligi kuntrattwali tieghu, partikolament il-klawsola 6 tal-kuntratt ta' impjieg tieghu u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni kagunati lilha bl-agir tieghu, inkluz danni akwiljani.

**L-ewwel eccezzjoni: l-ezistenza ta' obbligi fiducjari**

Permezz ta' din l-eccezzjoni il-konvenut jeccepixxi illi s-socjeta attrici jehtiegilha tressaq prova tal-ezistenza ta' xi obbligu fiducjarju kontemplat fl-artikolu 1124A tal-Kodici Civili kif allegat minnha.

Dwar dan l-artikolu, gie spjegat hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Vascas Enterprises Limited vs Adrian Ellul** (PA 13/11/2014):

> "Hi l-fehma ta' din il-Qorti li dan l-artikolu ma hu xejn ghajr l-applikazzjoni generali tal-ligi illi fil-qadi tad-doveri tieghu, impjegat irid iqis l-interess tal-principal tieghu u jagixxi biddiligenza kollha fil-qadi ta' dmiru u aktar ma hi gholja l-pozizzjoni jew il-kariga, aktar jassumi piz l-obbligu ta' fedelta, lealta, onesta u buona fede fil-konfront tal-principal u aktar hu ta' importanza li dak li ghandu kariga jagixxi bid-diligenza ta' bonus pater familias. Tradott f'termini semplici l-impjegat specjalment fil-karigi esekuttivi ma jridx jaghmel hsara, jew jagixxi b'detriment jew pregudizzju jew b'dannu ghall-interess tal-principal tieghu. Dawn id-doveri ghandhom jitqiesu b'zieda ma' kull kondizzjoni ohra kontrattwali fir-rapport ta' impjieg bejn il-principal u l-impjegat.
>
> Huma in-natura tal-kariga, ir-responsabilitajiet u poteri afdati oltre kundizzjonijiet specifici tal-kuntratt ta' impjieg li jiddeterminaw u jiddelineaw il-qies tal-fiducja riposta u mistennija u ghalhekk huma dawn il-fatturi li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni meta jigi kunsidrat allegazzjoni ta' nuqqas ta' dover kemm esplicitu jew implicitu liema nuqqas igib mieghu il-konsegwenza ta' responsabilita ghal hsara li tkun allegatament giet kommessa a dannu tal-principal."

Fis-sentenza appena citata gie spjegat ukoll illi impjegati ta' certu livell jistghu ikunu suggetti ghal doveri fiducjarji, izda ma jistghux jitpoggew fl-istess keffa ta' diretturi u l-obbligi fiducjarji imposti fuqhom. Nonostante dan, skont il-gurisprudenza, manager huwa fiducjarju tal-principal tieghu u ghandu dmir li jhares l-obbligi fiducjarji skont ma jipprovdi l-artikolu 1124A tal-Kodici Civili.[1] Dan ghaliex, kif jinghad mill-Professur Joseph A. Muscat fin-noti tieghu dwar il-Kodici tal-Kummerc:

> "*The office of manager from the legal point of view embraces both the concept of agency and the contract of trust which arises between the manager and his principal and he must, personally perform the duties which go with this office. The manager is an agent of the principal. He acts on his behalf and in his name. But he also administers the affairs of the principal and is in charge of the business or a branch of business of the principal in one or more fixed places. He is therefore the mandatory of the principal and the main function of his office is to increase the prosperity of the principal. He is therefore also the lessor of work and industry. These characteristics*

[1] Ara per ezempju: **Anthony Caruana & Sons Limited vs Christopher Caruana** (App 28/02/2014); **Dhalia Real Estate Services Limited vs Gordon Attard** (PA 15/12/2020)

> *have been referred to by the Commercial Court, Judge Profs. Parnis presiding, in the case Zammit vs Galea et decided on the 5th March 1907. The manager is therefore in relation to his principal an administrator, namely a mandatory and a lessor of work while in relation to third parties he is the representative that binds the principal and therefore is his agent*." [pg. 121]

Din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq espost u taghmlu taghha. Il-konvenut kien impjegat bhala General Manager tal-kumpanija attrici. Mill-provi jirrizulta illi huwa kien responsabbli ghat-tmexxija tan-negozju tal-istess kumpanija u kien jaf dwar kull klijent u kull negozju tal-kumpanija attrici fiz-zmien meta kien hekk impjegat maghha, peress illi jirrizulta illi kien il-konvenut li kien jiehu hsieb in-negozju kollu ta' din il-kumpanija. Jirrizulta car illi l-kumpanija attrici fdat lill-konvenut sabiex jirraprezentaha mall-klijenti u l-kuntatti taghha u jizviluppa u jmexxi l-quddiem in-negozju taghha. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa indiskuss illi l-konvenut kellu obbligi fiducjarji lejn il-kumpanija attrici hekk kif stabilit fl-artikolu 1124A tal-Kodici Civili.

**It-tieni u t-tielet eccezzjonijiet: Il-validita tal-klawsola 6 tal-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut**

Il-konvenut eccepixxa illi l-klawsola 6 tal-kuntratt t'impjieg tieghu tikser l-artikolu 985 tal-Kodici Civili u ghaldaqstant ghandha tigi ritenuta nulla u bla effett. Huwa jecepixxi wkoll illi din il-klawsola hija nulla u bla effett ghaliex tirrestringi l-attivitajiet lavorattivi tieghu b'mod irragonevoli. Din il-klawsola taqra hekk:

> "*The Employee shall not during the continuance of this agreement or for a period of two years after the termination of his employment hereunder for whatsoever reason, either on his own account, or for any other person, firm or company solicit or interfere with or endeavour to entice away from the Company any person, firm or Company who at any time during the period of two years immediately preceding the date of the termination of the employment were customers of or in the habit of dealing with the Company. The Employee shall not for a period of one year after the termination of his employment hereunder for any reason whatsoever be involved in or employed with any Company involved directly in any business which is in competition with any business of the Company. Should the employee be in breach of this clause, he shall be liable to a penalty equivalent to one year's salary."* [*fol.* 14].

L-artikolu 985 tal-Kodici Civili jipprovdi illi

> "Il-ħwejjeġ impossibbli, jew ipprojbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-għemil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt."

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza kemm Maltija u kif ukoll estera, klawsoli bhal dik in kwistjoni, maghrufa generalment bhala "non-compete clauses" jew "clauses in restraint of trade", huma kkonsidrati bhala legalment permissibli mill-qrati, izda dan biss jekk jirrizulta lil qorti illi l-klawsola tkun wahda ragonevoli, fis-sens illi tkun limitata geografikament, temporalment u wkoll fl-iskop taghha. Irrid jirrizulta wkoll li l-impjegat ikun qed jigi ikkumpensat ghar-restrizzjoni imposta fuq il-kapacita lavorattiva tieghu ghaliex l-interessi taz-zewg partijiet, inkluz ghalhekk tal-impjegat, ghandhom jigu imharsa fil-kuntratt. Inoltre, l-principal huwa mehtieg illi jipprova li ghandu interess legittimu li jesigi l-imposizzjoni ta' dik ir-restrizzjoni , u li l-klawsola ma tmurx oltre dak ragonevolment rikjest sabiex dan l-interess legittimu jigi protett.[2]

Din il-Qorti tqis b'mod partikolari illi klawsoli li jirristringu l-abilita lavorattiva ta' individwu ghandhom jigu interpretati u applikati b'mod ristrett, u dan ikkonsidrat ukoll illi d-dritt ghax-xoghol huwa dritt fondamentali tal-bniedem rikonoxxut mill-Kostituzzjoni ta' Malta stess. Ghalkemm principal ghandu jinghata id-dritt u l-opportunita illi jipprotegi in-negozju tieghu mill-kompetituri tieghu, huwa irragonevoli illi jippretendi li johnoq il-kapacita lavorattiva tal-ex-impjegati tieghu minghajr ma joffri xi kumpens ghall-inkonvenjent u pregudizzju ikkawzat lilhom meta tkun fis-sehh klawsola *in restraint of trade* li twaqqafhom milli effettivament tipprekludihom milli jezercitaw il-professjoni jew sengha taghhom ghal xi zmien. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Attilio Vassallo Cesareo et noe vs Anthony Cilia Pisani** (PA 31/01/2003) fejn gie deciz illi:

> "…konsidrat li l-konvenut hu cittadin Malti, u gialadarba mhux mistenni jew pretiz li ghandu jkun kostrett ihalli pajjizu, tali patt ma jissuperax it-test tar-ragionevolezza. Lanqas ghalhekk ma jista' allura jitqies lecitu jekk impjegat, familjari ma certu attivita`, jingieb fil-qaghda li jkun kostrett ihalli pajjizu ghal gwadan tieghu ghax f'pajjizu stess din listess attivita` hi impeduta lilu anke jekk ghal zmien. F'sitwazzjoni bhal din, biex verament tkun tista' titqies ragjonevoli, ir-restrizzjoni mposta lilu kellha tkun pacuta ma' xi forma ta' kontribuzzjoni kompensatorja mhallsa lilu."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandu ragun il-konvenut fl-argument tieghu illi l-klawsola numru 6 tal-kuntratt t'impjieg in kwistjoni hija irragonevoli. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

[2] Ara per ezempju: **Eurosupplies Limited vs Paul Tihn** (PA 09/03/2016); **Antonio Camilleri pro et noe Salvatore Sicurella** (Mag. 30/10/2019); **Mark Bugeja et vs Marvin Zammit** (Mag. 15/01/2020).

i. Dik il-parti tal-klawsola li tirrigwarda is-solicitazzjoni ta' klijenti tal-kumpanija attrici hija ristretta fiz-zmien u tistipula illi ghal zmien sentejn wara t-terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut huwa ma jistax jissolecita lil xi hadd li kien klijent tal-kumpanija attrici fis-sentejn ta' qabel it-terminazzjoni. Din il-klawsola tinkludi ghalhekk mhux biss klijenti li fiz-zmien it-terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut kienu klijenti kurrenti tal-kumpanija, izda wkoll klijenti li kienu ilhom ma jaghmlu negozju mal-kumpanija attrici ghall-sentejn shah qabel tali terminazzjoni. Dan oltre l-fatt illi din il-klawsola m'hijiex limitata ghall-klijenti regolari tal-kumpanija attrici, izda tapplika fir-rigward ta' kwalunkwe klijent, inkluz allura wkoll dawk illi kienu klijenti tal-kumpanija attrici darba biss. Fi kliem iehor, jekk ghal grazzja tal-argument persuna kienet klijenta ghal darba wahda biss tal-kumpanija attrici fil-15 ta' Gunju 2014, permezz ta' din il-klawsola il-konvenut qieghed jigi projbit milli jaghmel negozju ma' dik il-persuna sal-15 ta' Gunju 2018. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ir-restrizzjoni hija ghalhekk irragonevolment oneruza. Filwaqt illi s-socjeta attrici ghandha dritt tipprotegi l-klijentela taghha, huwa irragonevoli illi l-konvenut jinzamm milli jaghmel negozju anke ma' klijenti li kienu ilhom  ma juzaw is-servizzi offruti mis-socjeta attrici ghal xi erba' snin.

ii. Fir-rigward ta' dik parti tal-klawsola illi tirrestringi l-abilita tal-konvenut illi jimpjega ruhu jew ikun involut ma' xi kompetitrici tal-kumpanija attrici il-Qorti tqis illi huma tlieta r-ragunijiet ghalfejn din il-klawsola hija irragonevoli:

a. L-ewwel nett, din il-klawsola m'ghandha l-ebda limitu geografiku. Ghalhekk b'applikazzjoni ta' din il-klawsola il-konvenut qieghed jigi mizmum milli jibqa' jahdem fis-settur tieghu mhux biss hawn Malta izda sahansitra madwar id-dinja kollha. Huwa zgur illi din ir-restrizzjoni tezorbita tassew dak li jista' jitqies li huwa ragonevolment mehtieg ghall-protezzjoni tal-interessi legittimi tas-socjeta attrici;

b. It-tieni nett, din il-klawsola zzomm lill-konvenut milli jkun jista' jimpjega ruhu jew ikun involut ma' kumpanija illi hija kompetitrici tal-kumpanija attrici mhux biss f'dak li jirrigwarda in-negozju primarju tas-socjeta attrici izda "*any business of the Company*", anke jekk sekondarju, u dan a kuntrarju ta' dak sottomess mis-socjeta attrici li l-konvenut seta' jahdem f'oqsma li mhumiex direttament f'kompetizzjoni maghha. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-iskop ta' din il-klawsola huwa wiesa' wisq u johloq restrizzjoni irragonevoli fuq il-kapacita lavorattiva tal-konvenut. Dan ukoll ikkonsidrat

illi ai termini ta' din il-klawsola il-konvenut mhux biss ma jistax jimpjega ruhu ma' kumpanija li hija kompetitrici tal-kumpanija attrici, izda lanqas biss jista' jiftah ghal rasu. Ghalhekk, ghal dik is-sena prospettata min din il-parti tal-klawsola, il-konvenut huwa effettivament kompletament prekluz milli jahdem fis-settur tieghu;

c. Finalment, il-Qorti tosserva illi l-klawsola numru 6 ma tipprovdi ghall-ebda kumpens ghal konvenut mahsub sabiex jaghmel tajjeb ghar-restrizzjoni fil-kapacita lavorattiva tieghu. Ikkonsidrat li kif inghad, ghal dik is-sena li din il-klawsola tkun applikabbli il-konvenut effettivament ma jistax jahdem fis-settur tieghu, il-Qorti tqis illi huwa irragonevoli li l-konvenut ma jigix ikkumpensat ghad-detriment professjonali u finanzjarju li l-applikazzjoni ta' din il-klawsola tikkawzalu. Ghalhekk, u in linja mal-gurisprudenza fuq citata, il-Qorti tqis illi dan in-nuqqas jirrendi din il-klawsola irragonevoli.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi hija fondata l-eccezzjoni tal-konvenut illi l-klawsola numru 6 tal-kuntratt t'impjieg tieghu hija irragonevoli u tmur kontra l-ordni pubbliku. Ghaldaqstant din il-klawsola qed titqies nulla u minghajr effett legali ai termini tal-artikolu 985 tal-Kodici Civili. Minn dan isegwi wkoll illi mhemmx lok li l-konvenut jigi kkundannat ihallas danni skont din il-klawsola kif pretiz mis-socjeta attrici.

**Ksur ta' obbligi fiducjarji tal-konvenut**

Jibqa' jehtieg li jigi determinat jekk il-konvenut naqasx mill-obbligi tieghu bhala fiducjarju tal-kumpanija attrici kif qed jigi allegat mill-istess attrici. It-tezi tal-attrici hija li l-konvenut kiser l-obbligi fiducjarji tieghu billi b'mod frawdolenti uza informazzjoni kummercjali sensittiva ghall-arrikiment indebitu tieghu, kemm waqt li kien ghadu impjegat maghha u kemm wara li l-impjieg tieghu gie terminat. Il-konvenut minn naha tieghu jichad dan kollu u jsostni li filfatt kien hu li gie ingannat meta l-impjieg tieghu gie terminat ghal ragunijiet foloz.

Fir-rigward tal-allegazzjoni illi l-konvenut kien qieghed idawwar ghalih innifsu profitt li kellu jkun tas-socjeta attrici waqt li kien ghadu impjegat maghha, il-Qorti tqis illi ma giet prodotta l-ebda prova f'dan ir-rigward. Fi proceduri civili jinkombi fuq l-attur l-oneru li jressaq prova sal-grad rikjest mill-ligi dwar l-allegazzjonijiet maghmula

minnu, izda s-socjeta attrici naqset milli taghmel dan u f'dan ir-rigward hemm biss ix-xhieda tad-diretturi li hija aflitta minn diversi inkosistenzi u kontradizzjonijiet, u ma hija korroborata mill-ebda prova oggettiva li tinsab fl-atti. Filfatt il-kumpanija attrici issostni illi d-dizgwid li kien zviluppa bejn id-diretturi fl-2016 kien kagun tal-konvenut ghaliex kien izomm xoghol u klijenti mistura minnhom ghall-profitt tieghu. Pero xejn minn dan ma rrizulta mill-provi prodotti quddiemha. Filfatt, ghalkemm Kenneth Camilleri xehed illi d-database ta' klijenti li kien hemm fuq il-kumputer uzat mill-konvenut u dik li kien hemm fuq is-server tal-kumpanija kienu differenti, ma giet prodotta l-ebda prova ta' dan. Minn naha tieghu Gino Cutajar isostni li r-raguni ghad-dizgwid bejn id-diretturi kienet illi z-zewg diretturi 'l ohra kien jinsabu imdejqin bir-relazzjoni illi huwa kellu mal-konvenut (*fol.* 423). L-istess xhud qal illi hafna mid-dizgwid bejn id-diretturi kienu kagun tal-fatt illi l-konvenut ma kienx izomm id-database tal-klijenti *updated* u ghalhekk id-diretturi 'l ohra kienu jilmentaw. Pero, din ix-xiehda hija kontradetta mill-istess xhud meta jghid illi "hadd mid-diretturi ma konna nvoluti fid-day to day running tal-business" (*fol.* 424) u li l-informazzjoni li kellhom dwar l-andament tan-negozju kienet tinghata lilhom mill-konvenut waqt laqghat li kienu jsiru fuq bazi regolari, waqt konversazzjonijiet li hu kien ikollu kuljum mal-konvenut u permezz ta' din id-database (*fol.* 424 – 425). Jekk id-diretturi ma kienux involuti fit-tmexxija tan-negozju tas-socjeta attrici u kienu jakkwistaw l-informazzjoni necessarja dwarha mill-konvenut huwa inverosimili li kienu jinqalghu dizgwid ghaliex id-*database* tal-klijenti ma kinitx tigi *updated* peress illi jidher illi d-diretturi ma kienu jaghmlu l-ebda verifiki dwar dan. Dan tant illi meta Gino Cutajar gie mistoqsi jekk id-data kinitx tigi *backed up* kull gimgha huwa wiegeb "Imbilli kienet tigi backed on a weekly basis it does not mean li ahna noqghodu nivverifikawha kuljum" (*fol.* 425). Ghalkemm l-istess xhud sostna illi hemm minuti ta' laqghat li jikkoroboraw dan (*fol.* 425), dawn il-minuti qatt ma gew prezentati quddiem din il-Qorti. Ghalhekk ma tirrizultax pruvata l-allegazzjoni tas-socjeta attrici illi l-konvenut kiser l-obbligi fiducjarji tieghu billi dawwar ghall-beneficcju tieghu profitt spettanti lis-socjeta attrici waqt li kien ghadu impjegat maghha.

Allegazzjoni ohra tas-socjeta attrici hija illi kagun l-agir tal-konvenut wara li gie tterminat l-impjieg tieghu giet frustrata r-relazzjoni taghha ma' Fraser Worldwide u li l-konvenut misapproprja proprjeta tas-socjeta attrici bil-ghan li jikkonvinci lil Fraser

Worldwide tidhol f'negozju mieghu. Pero dan jinsab kontradett mill-provi, u senjatament mix-xhieda ta' Raphael Sauleau, Chief Executive Officer ta' Fraser Worldwide. Mix-xhieda ta' Sauleau jirrizulta illi d-decizjoni li tigi tterminata r-relazzjoni bejn Fraser Worldwide u s-socjeta attrici kienet decizjoni kummercjali li ttiehdet fil-konfront ta' numru ta' kumpaniji zghar madwar id-dinja, inkluz tas-socjeta attrici (*fol.* 119 u 263). In kontro-ezami l-istess xhud spejga wkoll illi huwa kien iltaqa' mad-diretturi tas-socjeta attrici f'Settembru tal-2016 "…*where we discussed the lack of results and engagement on behalf of Fraser Yachts and unfortunately I was not very impressed by their behaviour and responses and therefore that led me to discontinue our arrangement" (*fol. 263). Din ix-xiehda tinsab ikkorroborata mill-kopja tal-email datata 20 ta' Ottubru 2016 mibghut minn Sauleau lil Gino Cutajar u Kenneth Camilleri fejn intqal hekk (*fol.* 268): "*Further to our discussion held during the MYS and lack of follow up since then despite your commitment to provide me with an action plan, I see no other alternative but to discontinue our contractual agreement.*" Ghalhekk huwa car illi r-relazzjoni bejn is-socjeta attrici u Fraser Worldwide ma gietx itterminata minhabba xi agir tal-konvenut. Inoltre mill-kontro-ezami ta' Sauleau jirrizulta illi qatt ma kien hemm xi ftehim formali bejn Fraser Worldwide u l-konvenut (*fol.* 262) u li l-konvenut qatt ma kien impjegat ta' Fraser Worldwide. Ma jirrizultax ukoll illi l-konvenut kien ipprova jikkonvinci lil Fraser Worldwide tidhol f'negozju mieghu. Dak li jirrizulta mill-provi huwa li wara li l-impjieg tal-konvenut mas-socjeta attrici gie tterminat, Fraser Worldwide kienet offriet impjieg lill-konvenut fi Spanja (*fol.* 71), izda dan l-impjieg qatt ma effettivament inghata lill-konvenut. Ghaldaqstant dawn l-allegazzjonijiet huma wkoll infondati.

Mill-provi jirrizulta pero, kif tghid is-socjeta attrici, illi wara li gie terminat l-impjieg tal-konvenut, huwa kompla jirrendi servizzi lil yachts li kienu klijenti tas-socjeta attrici bi profitt ghalih innifsu, meta dawn is-servizzi kienu bdew jigu moghtija jew almenu gew imfittxija waqt li l-konvenut kien ghadu impjegat tas-socjeta attrici. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bhala fiducjarju tas-socjeta attrici, il-konvenut kellu obbligu li jaghti stampa cara tan-negozju tal-kumpanija lid-diretturi mhux biss billi jaghti lista tal-klijenti tal-kumpanija izda billi jaghti rendikont car tas-servizzi li kienu qed jinghataw jew li kienu gew imfittxija minn dawn il-klijenti u dawk li kien ghad jonqos li jinghataw. Huwa minnu li l-konvenut kien taht impressjoni li s-socjeta attrici kienet ser tigi likwidata u

ma jidhirx li kellu raguni sabiex jahseb mod iehor. Pero, l-avvjament tas-socjeta attrici huwa parti mill-assi taghha u ghalhekk jibqa' rilevanti anke fil-kuntest ta' likwidazzjoni, peress illi huwa ass li s-socjeta attrici setghat tiddisponi minnu sabiex taghmel gwadan. Bhala fiducjarju tas-socjeta attrici waqt it-terminu tal-impjieg tieghu, il-konvenut kellu jara li jhares l-interess tas-socjeta attrici u jissalvagwardja l-assi taghha. Ghalhekk, kwalunkwe profitt maghmul mill-konvenut minn xoghol li beda jew li gie imfittex waqt li kien ghadu impjegat tal-kumpanija attrici ghandu jigi mhallas lill-istess attrici.

Minn Dok. CG1 (*fol.* 445) jirrizulta illi l-yacht M/Y Blue Attraction kien pjanat li jaghmel "*significant refit scheduled in Malta 2016/17"* waqt li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici. Filfatt il-konvenut stess jghid fl-affidavit tieghu illi dan il-yacht kien qieghed izur Malta waqt li s-socjeta attrici kienet qed tagixxi bhala agent tieghu (*fol.* 101). Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta il-konvenut gie ikkuntatjat minn Simon Zammit dwar dan il-yacht, galadarba kien ghadu fl-impjieg tas-socjeta attrici huwa kellu l-obbligu li jinforma lis-socjeta attrici dwar dan u mhux jiddeciedi unilateralment li jiipprovdi s-servizzi mitluba hu bi profitt tieghu (*fol.* 104). Ghalhekk il-profitt ta' €958.14[3] li l-konvenut ippercepixxa f'dan ir-rigward ghandha tithallas minnu lis-socjeta attrici.

L-istess jinghad ghal yachts Big Mac u Baby Mac, li l-konvenut stess jikkonferma li kienu qed izuru Malta meta s-socjeta attrici kienet qed tagixxi bhala l-agent (*fol.* 101). Filfatt il-*commissions* li kellhom jithallsu fir-rigward ta' dawn il-yachts bdew mill-1 ta' Gunju 2016, u cioe meta l-konvenut kien ghadu impjegat tas-socjeta attrici (*fol.* 151, 156), u l-korrispondenza dwar din iz-zjara bdiet meta l-konvenut kien ghadu filfatt juza l-indrizz ta' posta eletronika tas-socjeta attrici (*fol.* 223). Minn Dok. CG1 (*fol.* 146) jirrizulta li l-konvenut ghamel profitt ta' €2,968.84.[4] Dan il-profitt ghandu jithallas lis-socjeta attrici.

Jirrizulta wkoll illi parti mill-profitt maghmul mill-konvenut relattiv ghal yacht MY Valway kien ukoll jirrelata ghal zmien meta il-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici, u cioe mit-28 ta' Mejju 2016. Il-Qorti tosserva filfatt illi l-konvenut kien zamm

[3] *Fol.* 146, linji A1 – A3.
[4] Fol 146, linji B1 – B6.

ic-CPU li kellu jigi installat fuq dan il-yacht huwa stess meta l-impjieg tieghu gie terminat, minflok ma ghadda l-istess CPU lis-socjeta attrici, jew almenu ikkonsulta mad-diretturi qabel ma' ha din id-decizjoni. Ghalhekk il-profitt maghmul mill-konvenut fir-rigward ta' dan il-yacht, li huwa fl-ammont ta' €2,735.45[5] ghandu jithallas lis-socjeta attrici.

Fir-rigward tal-yacht At Last ma jirrizultax illi x-xoghol li dwaru ghamel profitt il-konvenut kien beda jew gie mitlub waqt li huwa kien ghadu impjegat mas-socjeta attrici, u ghalhekk m'hemm xejn x'jithallas lis-socjeta attrici f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, il-profitt percepit mill-konvenut bi ksur tal-obbligi fiducjarji tieghu, u li ghaldaqstant hija intitolata ghalih is-socjeta attrici huwa fl-ammont totali ta' €6,662.43.

Fir-rigward tad-danni reklamati mis-socjeta attrici minhabba l-uzu tal-PortNet taghha mill-konvenut, il-Qorti tibda billi tosserva illi l-konvenut stess ammetta li kien hemm xi drabi fejn huwa uza l-PortNet tas-socjeta attrici meta kien ghadu qed jistenna li jigi rregistrat il-kont tieghu. Ma jirrizultax mill-provi pero illi s-socjeta attrici kellha taghmel xi hlasijiet ta' taxxa zejda minhabba dan l-uzu, kif gie allegat minnha. Mhux biss ma giet prodotta l-ebda dokumentazzjoni f'dan ir-rigward, izda lanqas biss giet indikata figura li allegatament thallset mis-socjeta attrici lil awtoritajiet tat-taxxa. Dwar il-hlasijiet dovuti lil Awtorita ta' Trasport innifisha, mill-provi jirrizulta illi fil-15 ta' Marzu 2019 il-konvenut ghamel hlas ta' €13.98 fir-rigward tal-invoice numru 242283 u hlas ta' €70 fir-rigward tal-invoice numru 242284 (*fol.* 111). Dawn il-hlasijiet jikkorrispondu mal-ammont indikati fid-dokumenti prezentati mis-socjeta attrici a *fol.* 30 – 32. Ghalhekk jidher illi m'hemm l-ebda danni x'jithallsu f'dan ir-rigward mill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tilqa' it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, tiddikjara il-klawsola numru 6 tal-kuntratt ta' impjieg tal-attur nulla u bla effett u konsegwentement tichad dik il-parti tal-ewwel talba relattiva ghall-obbligi kuntrattwali tal-konvenut, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet u konsegwentement:

[5] Fol 146, linji C1-C4, H1-H2, O1-O5, P1-P2.

Tilqa' in parte l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut agixxa bi ksur tal-obbligi fiducjarji tieghu a dannu tas-socjeta attrici;

Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li bl-agir imsemmi l-konvenut arrikixxa ruhu indebitament bi hsara tad-drittijiet tas-socjeta attrici;

Tilqa' t-tielet u raba' talbiet attrici, tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut fis-somma ta' sitt elef, sitt mija u tnejn u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€6,662.43) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont hekk likwidat ta' sitt elef, sitt mija u tnejn u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€6,662.43), bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez jithallsu in kwantu ghal 25% mis-socjeta attrici u in kwantu ghal 75% mill-konvenut.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur